**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 28 ta' Settembru 2023**

**Rikors Nru. 781/2018 GM**

**Arnold Farrugia (ID:471569M)**
**u**
**Rose Farrugia (lD:402969M)**
**u**
**Mireille Farrugia (lD:80998 M)**
**u**
**Jacobs Imports Limited (C-33565)**
**u**
**Jacobs International Transport Limited (C-25002)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ai termini tal-Artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ta' Arnold Farrugia, martu Rose Farrugia, binthom Mireille Farrugia u s-soċjetajiet Jacob Imports Limited (C-33565) u Jacob International Transport Limited (C-25002) li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Permezz ta' att ta' akkuza tad-9 t'April 2010, ir-rikorrenti Arnold Farrugia ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali akkużat b'diversi reati fost l-oħrajn reati kkontemplati fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. B'sentenza tad-9 ta' April 2014, l-Qorti Kriminali wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(ċ)(d) u 26 tat-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviż Legali 292/39) u l-artikoli 17(h) 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lir-rikorrenti Arnold Farrugia għall-piena ta' tnejn u għoxrin sena priġunerija b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati kif ukoll ikkundannatu jħallas multa ta' ħamsin elf ewro (€50,000) liema multa ġiet ordnata li titħallas fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza u li jekk jonqos li jħallasha din il-multa fiż-żmien preskritt din għandha tinbidel fi tmintax-il xahar priġunerija u li jħallas ukoll is-somma ta' erbat elef, mija u erbgħa u erbgħin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (Ewro 4,144.96ċ) import tal-ispejjeż peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ordnat ukoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-liġi. In oltre, finalment, il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati (vera kopja tas-sentenza esebita u mmarkatha bħala "Dok AF1");

3. Ir-rikorrenti Arnold Farrugia appella mill-imsemmija sentenza u l-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza tas-26 t'April, 2018 ċaħdet l-imsemmi appell u kkonfermat is-sentenza appellata (vera kopja tas-sentenza esebita u mmarkatha bħala "Dok AF2");

4. Dan ir-rikors qed isir ai termini tal-Artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. L-artikolu suiċitat jipprovdi illi:

"22G. (1) Meta jkun sar ordni ta' konfiska taħt l-artikolu 22(3A)(d) ta, il-persuna misjuba ħatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni għal dikjarazzjoni li xi proprjeta' jew kull proprjeta' mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza

(kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjeta’ akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk."

6. Għaldaqstant ir-rikorrenti Arnold Farrugia qed jipprevalixxi ruħu mid-dispost tal-artikolu suiċitat sabiex jottjeni dikjarazzjoni li kull proprjeta’ mobbli jew immobbli konfiskata m'hijiex profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat skont il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas proprjeta’ akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;

7. Ir-rikorrenti Rose Farrugia hija mart l-imsemmi Arnold Farrugia u dan kif indikat mill-estratt tal-att taż-żwieġ anness u mmarkat bħala "Dok AF3";

8. Bejn il-konjuġi Farrugia hija viġenti l-komunjoni tal-akkwisti;

9. Proprjeta’ tar-rikorrenti Arnold Farrugia kienet oriġinarjament soġġetta għall-ordni ta' friża ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-27 ta' Lulju 2005 [ara vera kopja tad-dokumenti annessi u mmarkati komplessivament a bħala "Dok AF4") li eventwalment ġiet konvertita f’ordni ta' konfiska mertu ta' dan ir-rikors;

10. Sussegwentament u kif solitament isir, il-Qorti tal-Maġistrati msemmija aktar qabel ordnat illi jsir elenku tal-assi ta' Arnold Farrugia liema assi kienu soġġetti għall-ordni ta' friża indikata aktar qabel;

11. Għal finijiet ta' spedjenza u biex f’dawn l-atti ma jiġux replikati dokumenti inutilment, kontestwalment ma' dan ir-rikors qed tiġi preżentata talba sabiex jiġu allegati ma' dawn il-proċeduri jew alternattivament sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna li r-reġistratur tal-Qrati Kriminali jippreżenta vera kopja tal-elenku tal-assi imsemmi iktar qabel, liema elenku ġie redatt minn Dr Vincent Galea LL.D., u preżentat fl-atti fil-proċess kriminali r-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia" (Att ta' akkuża numru 21/2010), fis-6 ta' April 2006;

12. Ir-rikorrenti jissottometti illi l-assi kollha indikati fl-elenku tal-assi msemmi ċertament ma jikkonsistux fi profitti jew dħul minn ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew b'xi mod ieħor involuta fil-kummissjoni tar-reat ta' money laundering, u lanqas proprjeta’, akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk u dan kif ser jiġi pruvat ampjament fil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni tal-kawża;

13. Ir-rikorrenti konjuġi Farrugia qegħdin jipprovdu spjegazzjoni qasira u mhux eżawrjenti ta' kif akkwistaw l-assi prinċipali formanti l-patrimonju tagħhom:

a) Permezz ta' att pubbliku tad-29 t'Awwissu, 1991 ir-rikorrenti Arnold Farrugia aċċetta mingħand missieru llum defunt, b'titolu ta' emfitewżi perpetwa, porzjon ta' art fabrikabbli liema art hija magħrufa bħala plot numru ħamsa (5), li tinsab fil-limiti tal-Imqabba, ġia limiti tal-Qrendi, formanti parti mill-art tal-Bajjada, b'faċċata fuq Triq Ħal-Kirkop u tikkonfina mill-Grigal ma' triq imsemmija, mil-Lvant u mill-Punent mal-plots numru erbgħa (4) u sitta (6) mill-istess art, proprjeta’ tal-aħwa

Farrugia, jew l-aventi causa, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha (ara att ta' konċezzjoni enfitewtika anness u mmarkat bħala "Dok AFS").

b) L-att msemmi tad-29 ta' Awwissu 1991, saritlu korrezzjoni permezz ta' att korrettorju tat-3 ta' Marzu, 1993 (ara att korrettorju anness u mmarkat bħala "Dok AF6";

c) Fit-3 ta' Marzu 1993, ir-rikorrenti Arnold Farrugia biegħ din l-art li kienet ingħatat lilu minn missieru, ossija art magħrufa bħala plot numru ħamsa (5), li tinsab fil-limiti tal-Imqabba kif deskritta supra f'DOK AF5 lil ċertu Joseph Zammit għall-prezz ta' Lm3,500 (ara kuntratt ta' bejgħ anness u mmarkat bħala "DOK AF7"). Fl-istess ġurnata wkoll, i.e. it-3 ta' Marzu 1993, ir-rikorrenti xtara mingħand Raymond Zammt, l-arja ta' erba' (4) garages ilkoll bla numru uffiċjali u t-tromba li minnha l-arja hi aċċessibbli, bla isem u bla numru, fi triq bla isem li tagħti fuq tal-Ħlas Road, Żebbuġ, Malta, versu l-prezz ta' Lm1,500 (vide kuntratt ta' bejgħ datat 3 ta' Marzu 1993 anness u mmarkat "DOK AF8")

d) Fuq din l-arja ta' erba' (4) garages fi triq bla isem li tagħti fuq tal-Ħlas Road, Żebbuġ Malta, (kif deskritta f'DOK AF8), ir-rikorrenti Arnold Farrugia u martu bnew il-fond matrimonjali tagħhom bl-indirizz tal-lum bin-numru uffiċjali 17, Grevilea, Sqaq tal-Ħlas, Żebbuġ, Malta u hemmhekk għexu huma u rabbew liż-żewġ uliedhom fejn martu u uliedu għadhom jgħixu sal-lum;

e) Skont kif jidher fis-sanction letter datata 16 ta' Ġunju 1993, il-Bank of Valletta plc., kien informa lir-rikorrenti Arnold Farrugia li l-istess bank kien aċċetta li jagħtih self għas-somma ta' Lm8,000 pagabbli fuq medda ta' ħames (5) snin, liema self kien qed jingħata għall-iskop biex jiffinanzja "completion of your own residence and part purchase of underlying garage" (ara sanction letter annessa u mmarkata "DOK AF9");

f) Eventwalment fis-16 ta' Lulju 1993, ir-rikorrenti Arnold Farrugia permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-nutar Mario Bugeja ħa self mal-Bank of Valletta plc., fis-somma ta' Lm8,000 u kien xtara kontestwalment il-garaxx kif deskritt bħala "without name and officially without number, unofficially numbered seven (7), in a new unnamed street abutting onto tal-Ħlas Road, in Żebbuġ Malta" għall-prezz ta' Lm4,7000 (ara kuntratt ta' self u bejgħ anness u mmarkat bħala "DOK AFl0");

g) Skont kif jidher mill-Employment History rilaxxata minn Jobs Plus fis-16 ta' Mejju 2018, (ara dokument anness u mmarkat "DOK AF11"), bejn is-sena 1993 u s-sena 1998 ir-rikorrenti Arnold Farrugia dejjem kellu impjieg fiss full-time u anke għal ċertu perjodu impjieg part-time apparti l-impjieg full-time, b'dan li allura għandu jirriżulta li fil-ħames (5) snin li fih kellu jitħallas il-loan ta' Lm8,000 skont il-kuntratt DOK AF10, kien ekonomikament fattibbli għar-rikorrent li jħallas l-istess self, liema self kellu pagamenti rateali ta' Lm159 fix-xahar;

h) Ta' min isemmi li għalkemm meta inxtraw sia l-arja li fuqha inbniet id-dar matrimonjali, kif ukoll il-garaxx sottostanti għad-dar matrimonjali, deher fuq l-att tax-xiri r-rikorrenti Arnold Farrugia biss, madanakollu, dan ix-xiri ta' proprjeta' seħħ meta Arnold Farrugia kien diġa' miżżewweġ ma' Rose Farrugia u kwindi l-komunjoni tal-akkwisti kien diġa' fis-seħħ;

14. Ir-rikorrenti konjuġi Farrugia konguntivament huma wkoll propjetarji tas-segwenti proprjeta' immobbli:

a. Flat indikat bin-numru wieħed (1) li jinsab fit-tieni sular formanti parti minn blokk bini bl-isem 'Sea Breeze Apartments' fi Triq Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar, akkwistat mill-konjuġi Farrugia fis-6 t'April, 2004 (ara att tal-kompravendita anness u mmarkat bħala "Dok AF 12");

b. Garaxx mingħajr l-arja li jġib in-numru uffiċjali 39 f'Triq Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar akkwistat mill-konjuġi Farrugia fit-30 ta' Settembru, 2004 (ara att tal-kompravendita anness u mmarkat bħala "Dok AF 13");

c. Dan il-garaxx fi Triq Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar, inxtara wara li r-rikorrenti u martu ħadu self mill-Bank of Valletta plc., għas-somma ta' Lm30,000 skont kif indikat fuq l-istess kuntratt ta' kompravendita, fejn jidher ċar li nofs is-self mar direttament għax-xiri tal-garaxx. Jidher ukoll illi l-bqija ta' Lm15,000 minn dan is-self ma kienux marbuta ma' skop speċifiku u ingħataw għall-bżonnijiet kummerċjali tal-konjuġi Farrugia b'mod ġenerali;

15. Ir-rikorrenti konjuġi Farrugia konġuntivament għandhom ukoll is-segwenti assi:

a) Tliet poloz tal-assikurazzjoni mal-Mapfre MSV Life bin-numri FP405736, 46352 u AP113003 (ara DOK AF36 indikat fl-elenku tal-assi esebit minn Dr Vincent Galea fil-kawża r-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia);

b) Elf (1000) 6% Dolmen Properties plc Secured Bonds liema bonds għandhom l-account number MSE 9358471, skont kif indikati fid-dokument tal-Malta Stock Exchange plc anness u mmarkat "DOK AF 14";

16. Di piu' r-rikorrenti Arnold Farrugia għandu s-segwenti vetturi reġistrati fuq ismu:

a) Fiat Doblo Cargo bin-numru ta' reġistrazzjoni JIL001
Dan il-Fiat Doblo Cargo inxtara f'April tas-sena 2004 u kien inxtara mill-kumpanija Jacobs Import Ltd., liema vettura pero' neċessarjament kellha tiġi reġistrata fuq isem ir-rikorrenti Arnold Farrugia minħabba li l-logbook ma jistax ikun fuq kumpanija. Tali vettura tħallset mill-faċilitajiet bankarji, overdrafts u loans li kellu r-rikorrenti Arnold Farrugia fin-negozju taż-żewġ kumpaniji tiegħu.

b) Trakk Leyland DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni JIT 004.
Dan kien inxtara mill-Ingliterra f'Lulju tas-sena 2000 għall-prezz ta' £3750 skont kif indikat fuq kopja tal-invoice maħruġa minn Truck Sales International [Coventry) (kopja annessa u mmarkata DOK AF15]. Dan it-trakk kien eventwalment ġie reġistrat hawn Malta fl-10 ta' Awwissu 2000 (skont kif jidher mill-kopja tal-logbook anness u mmarkata DOK AF16) (*Din il-kopja tal-logbook kienet ġiet esebita fl-atti tal-kawża r-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia, folio 731 tal-proċess*), u l-prezz tiegħu kien tħallas mill-overdrafts u l-business loans li kien jieħu r-rikorrenti

fuq il-kumpanija Jacobs International Transport Ltd sabiex ikun jista' jkompli bin-negozju tiegħu.

Skont l-elenku tal-assi Arnold Farrugia kellu 8 vetturi oħra reġistrati fuq ismu. Dawn jew inxtraw bħala scrap 1ew garaged jew inkella kien hemm awtorizzazzjoni mill-Qorti pendenti l-proċeduri kriminali biex isir it-trasferiment tagħhom għal fuq terzi persuni skont it-talbiet fir-rikorsi relattivi, u dan skont kif jirriżulta mill-atti proċesswali tal-kawża kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia. Apparti minn hekk, uħud minnhom kienu inxtraw fuq il-kumpaniji tiegħu minħabba n-negozju tiegħu, iżda minħabba li vettura ma tistax tiġi reġistrata fuq kumpanija dawn ġew reġistrati fuq isem ir-rikorrenti Arnold Farrugia.

Dawn it-tmien vetturi l-oħra indikati fl-elenku tal-assi huma s-segwenti:

- Ford Perfect bin-numru ta' reġistrazzjoni AAQ 364
- Vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CAQ 429
- Morris Marina bin-numru ta' reġistrazzjoni HAF 791
- Trakk bin-numru ta' reġistrazzjoni JIT 002
- Leyland DAF bin-numru ta' reġistrazzjoni JIT 003
- Peugeot 309 bin-numru ta' reġistrazzjoni KAI 983
- Mercedes bin-numru ta' reġistazzjoni LAH 614.
- Bedford Truck bin-numru ta' reġistrazzjoni N-7591

Ir-rikorrenti Arnold Farrugia ser jagħti spjegazzjoni dettaljata dwar ċirkostanzi kollha relatati mal-bejgħ u x-xiri ta' dawn il-vetturi matul smigħ tal-kawża;

17. Apparti minn hekk, ir-rikorrenti Arnold Farrugia għandu wkoll fuq ismu kont bankarju fi ħdan il-Bank of Valletta plc, li għalkemm jgħajjat lilu pero’ tali kont huwa ta' bintu Mireille Farrugia li llum il-ġurnata hija maġġorenni. Oriġinarjament dan il-kont kien miftuħ bħala Young Savers Account bin-numru 12900996024 skont kif indikat fl-elenku tal-assi redatt minn Dr Vincent Galea f’paġna 8 tar-rapport. Dan l-istess kont eventwalment ingħalaq mill-bank u nfetaħ kont ieħor li fih ġew depożitati l-istess fondi, liema kont preżenatament iġib in-numru 40018911455. (ara dokumenti bankarji annessi u mmarkati komplessivament "DOK AF17").

F'dan il-kont kienu jiġu depożitati ammonti żgħar li kienet tirċievi jew iġġemma bintu. Huwa għalhekk ukoll illi bintu Mireilli Farrugia qiegħdha tiġi inkluża bħala rikorrenti f’dawn il-proċeduri limitatament fir-rigward ta' dan il-kont bankarju partikolari, stante li fid-dawl tal-fatt li tali flejjes huma tagħha, hija tixtieq illi l-istess flejjes jiġu rilaxxati mill-ordni tal-konfiska u jgħaddu favur tagħha issa li hija maġġorenni.

18. Ir-rikorrenti Arnold Farrugia huwa wkoll azzjonista tal-ishma kollha fis-soċjeta' Jacobs Imports Limited (C-33565) liema soċjeta' qiegħdha għal kull buon fini u għal kull interess li jista' jkollha tiġi inkluża bħala rikorrenti f'dawn il-proċeduri;

19. Ir-rikorrenti Arnold Farrugia huwa wkoll azzjonista tal-ishma kollha fis-soċjeta' Jacobs International Transport Limited (C-25002) liema soċjeta’ qiegħdha għal kull buon fini u għal kull interess li jista' jkollha tiġi inkluża bħala rikorrenti f’dawn il-proċeduri;

20. Ser jirriżulta evidenti li r-rikorrenti Arnold Farrugia dejjem kellu impjieg full time, u anke għal ċertu perjodu kellu xogħol part time apparti dak full time, b'dan li allura huwa dejjem kellu introjtu regolari dieħel. Apparti minn hekk, fin-negozju tiegħu tramite l-kumpaniji Jacobs International Transport Ltd u Jacobs Imports Ltd., huwa kien bieżel u għax ma kellux il-finanzi li permezz tagħhom seta' jmexxi dan in-negozju waħdu, huwa ħa diversi loans, u business overdrafts mingħand banek lokali partikolarment il-Bank of Valletta plc, sia f'ismu u f'isem martu personalment, kif ukoll f'isem iż-żewġ kumpaniji rispettivi liema faċilitajiet jagħtu stampa ċara ħafna ta' kif Farrugia flimkien ma' martu akkwistaw l-assi mertu ta' dan ir-rikors;

21. Jirriżulta wkoll li l-konjuġi Farrugia, permezz tan-negozju msemmi kellhom dħul li ċertament jindika sal-grad rikjest mil-Liġi li l-assi kollha tagħhom ma jikkonsistuwx profitt jew dħul minn ksur ta' xi Liġi;

22. Jingħad ukoll f'dan l-istadju, li r-rikorrenti Rose Farrugia ma kienet qatt involuta fil-proċess kriminali mertu ta' dan ir-rikors u għaldaqstant m'għandhiex issofri hi wkoll il-piena inflitta fuq żewgha;

23. Dan qed jingħad fis-sens illi ġialadarba teżisti ordni ta' konfiska fuq assi li tagħhom hija komproprjetarja ma' żewgha, din l-ordni għandu jkollha effett biss fuq nofs indiviż ta' dawn l-assi u dana stante illi n-nofs l-ieħor huwa proprjeta' tar-rikorrenti Rose Farrugia u ċertament ma jistax jiġi soġġett għal ordni ta' konfiska, għax kieku jiġri hekk, il-piena inflitta fuq żewgha tkun qed tiskontaha hi wkoll;

24. Fuq dan il-punt r-rikorrenti Rose Farrugia tirriżerva li tapprofondixxi ferm aktar waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tar-rikors.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi nofs indiviż tal-assi afflitti mill-ordni ta' konfiska ta' ordnata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' April 2014, u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia, deċiża nhar is-26 ta' April 2018, huma proprjeta' tar-rikorrenti Rose Farrugia, stante li l-imsemmija mhix is-soġġett tal-ordni ta' konfiska msemmija;

2. Tirrevoka l-ordni ta' konfiska msemmija fuq in-nofs indiviż tal-assi afflitti mill-ordni ta' konfiska u li huma proprjeta' tar-rikorrenti Rose Farrugia;

3. Tiddikjara illi l-flejjes fil-kont Young Savers Account bin-numru 12900996024 fi ħdan il-Bank of Valletta plc., (liema flejjes evetwalment ġew trasferiti fuq kont ieħor bin-numru 40018911455) huma proprjeta' tar-rikorrenti Mireille Farrugia u konsegwentament tirrevoka l-ordni ta' konfiska msemmija fuq dan il-kont;

4. Tiddikjara illi l-proprjeta' kollha afflitta mill-ordni ta' konfiska msemmija, m'hijiex profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

u lanqas proprjea' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;

5. Tirrevoka in toto jew in parte l-ordni ta' konfiska mogħtija fit-termini tal-paragrafu (3A) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' April 2014, u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia, deċiża nhar is-26 ta' April 2018.

6. Tieħu dawk il-provvedimenti ulterjuri li tħoss neċessarji.

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija li permezz tagħha eċċepixxa illi :

(I) Fil-mertu t-talbiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-esponent qed jopponi għall-istess talbiet, diment li r-rikorrenti ma jġibux prova konkreta u sodisfaċenti li l-provenjenza tal-proprjeta' li tagħha qed jitolbu r-rilaxx, mhux riżtltat ta' xi profitt jew dħul mill-għemil tar-reat li tiegħu r-rikorrent Arnold Farrugia nstab ħati, jew, li tali proprjeta' ma ġietx akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitt jew dħul bħal dak;

(II) Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, għandu jiġi rilevat li l-prova tal-provenjenza leċita tal-proprjeta' indikata fir-Rikors Promotur u l-akkwist leċitu tagħha tispetta lir-rikorrenti;

(III) In vista tas-suespost, l-esponent jissottometti li m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Din hija azzjoni maħsuba taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, li taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22Ċ(1) tagħha jista' jintalab li ħwejjeġ persuna misjuba ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza, ma jibqgħux iżjed hekk milquta bil-konfiska magħmula, jekk dik il-persuna jseħħilha turi li dawk il-ħwejjeġ ma jkunux il-qligħ jew dħul minn għamil ta' reat jew ma jkunux miksuba, direttament jew indirettament, permezz ta' xi qligħ jew dħul bħal dak;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent jgħid li l-ġid li tteħidlu kien kisbu bis-saħħa tal-impiegi li huwa kellu, kemm f'Malta u wkoll barra minn Malta, u mhux bħala

frott tar-reat li għalih instab ħati;

**FATTI**

B'kuntratt tad-**29 t'Awwissu 1991**, Arnold Farrugia akkwista b'titlu ta' ċens perpwetwu plot 5 fi Triq Ħal Kirkop, Imqabba.

Arnold u Rose żżewwġu fis-6 ta' Settembru 1992.[1]

Fit-**3 ta' Marzu 1993** biegħha bil-prezz ta' Lm3,500. Fl-istess jum xtara l-arja ta' 4 garaxxijiet fi triq bla isem tagħti fuq Triq tal-Ħlas, Żebbug, Malta bil-prezz ta' Lm1,500. F'din l-arja hu u martu bnew id-dar matrimonjali illum 17 Grevilea, Sqaq tal-Ħlas, Żebbug, Malta.

Fis-**16 ta' Lulju 1993** il-Bank of Valletta silfu Lm8,000 biex ilesti d-dar u jixtri wieħed mill-garaxxijiet ta' taħtha.

Kuntratt **7 t'April 1995** self ta' Lm15,748 li Lm3,000 kien għax-xiri ta' trailer u Lm7,000 working capital requirements.

Bejn **1993 u 1998** ir-rikorrent kellu mpjieg fiss fultajm u kultant impjieg partajm apparti dak fultajm.[2] Għalhekk kien ekonomikament fattibbli li jħallas id-dejn f'rati ta' Lm159 fix-xahar fuq perjodu ta' 5 snin u ċjoe` sas-sena 2004.

Kuntratt ta' self ta' Lm17,745 datat **20 ta' Marzu 1999** li jinkorpora bilanċi mill-ammonti antiki.

**9 ta' Diċembru 1999** a favur ta' Jacobs International Transport Ltd. kuntratt Lm20,000 overdraft u Lm10,000 loan.[3]

**17 ta' Lulju 2000** kuntratt favur Jacobs International Transport Ltd għal Lm54,349 maqsumin Lm20,000 *working capital in connection with road*

[1] Fol. 79.
[2] Fol 110.
[3] Fol. 1386.

*haulage business*; Lm9,349 biex jinxtara reefer trailer u Lm25,000 *part finance new mechanical horse*.

Kuntratt ta' self **26 ta' Settembru 2002** għall-ammont globali ta' Lm43,836.

Fis-**6 t'April 2004** il-konjuġi Farrugia xtraw flat 1, Sea Breeze Apartments, Triq Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar bil-prezz ta' Lm25,000 li tħallsu mal-kuntratt.

Fit-**30 ta' Settembru 2004** Lm66,820 il-konjuġi Farrugia xtraw il-garaxx 39 Triq Għajn Rażul, San Pawl il-Baħar. Lm36,820 kapital għal Jacobs International Ltd., Lm30,000 mar Lm15,000 għall-garaxx u Lm15,000 għall-bżonnijiet kummerċjali in ġenerali.[4]

**26 t'Ottubru 2004** iskritta ipoteka wara self ta' Lm30,000 a favur ta' Jacobs Imports Ltd. – Lm12,000 biex jinxtraw initial stocks u Lm18,000 *banking facility*.

*Young Savers Account* ta' bintu Mireille Farrugia llum maġġorenni.

3 poloz tal-assikurazzjoni.

1,000 6% Dolmen Properties Secured Bonds.

Azzjonista ta' Jacobs International Transport Limited. Jacobs Imports Limited.

Vetturi li r-rikorrent ta' spjegazzjoni dettaljata dwar iċ-ċirkostanzi kollha relatati mal-bejgħ u xiri tagħhom.

Ħa diversi *loans* u *overdrafts* mill-Banek li juru stampa ċara kif il-konjuġi Farrugia akkwistaw l-assi tagħhom.

B'sentenza tat-**23 ta' Frar 2012** il-konjugi Farrugia ġew ordnati jħallsu lill-Bank of Valletta €213,101 minħabba nuqqas ta' pagamenti għal faċilitajiet

[4] Fol 117.

bankarji.

Fil-**25 ta' Lulju 2005** ir-rikorrent ftiehem ma' terzi biex jaħżen sitt kilos tad-droga kokajina bil-purita` ta' 85%, tal-valur ta' bejn €434,700 u €639,630 fi trailer-freezer fl-Olanda li mbagħad importa lejn Malta.

Permezz t'att t'akkuża tad-**9 t'April 2010**, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Kriminali akkużat b'diversi reati fosthom dawk ikkontemplati fil-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ġie misjub ħati *inter alia* tar-reat ikkontemplat fil-Kap 101 mill-Qorti Kriminali b'sentenza tad-**9 t'April 2014**. Il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ħwejjeġ mobbli u immobbli tiegħu. Appella, iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell b'sentenza tas-**26 t'April 2018**.

Lill-pulizija ma rriżultax *money trail* li jipprova li kien hemm xi rikavat mid-droga in kwistjoni.[5]

Rose Farrugia qatt ma kienet involuta fil-proċeduri kriminali mertu ta' dan il-każ.

Għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-każ, irid jingħad li l-proċedura speċjali maħsuba fl-artikolu taħt eżami hija waħda li tagħmel eċċezzjoni, fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja ta' reat kontra l-Ordinanza minn Qorti kompetenti, u għalhekk, ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali tal-istess liġi dwar il-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser l-Ordinanza, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux usa' minn dak li ried il-leġislatur. Ta' min jgħid ukoll li tali proċedura tapplika għal ordni magħmul taħt l-artikolu 22(3A)(d) biss. Din id-dispożizzjoni tal-liġi titkellem dwar konfiska ta' flejjes u ġid, mobbli u kif ukoll immobbli, tal-persuna misjuba

[5] Fol 1754.

ħatja, kemm jekk jinsabu f'Malta kemm jekk barra minn Malta, ukoll jekk sal-waqt tas-sejbien tal-ħtija, tali ġid immobbli jkun għadda f'idejn terza persuna.

Din il-proċedura, li ddaħħlet fis-sistema tagħna fl-1986, hija miftuħa kemm għall-persuna misjuba ħatja u kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha l-immobbli jkun għadda, u trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska ssir ġudikat. Jekk wara smigħ sommarju kif preskritt fl-imsemmi artikolu l-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrent għandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-ġid li jkun milqut b'dik id-deċiżjoni ma jibqax iżjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-saħħa tad-deċiżjoni nnifisha meta din issir ġudikat, u dik id-deċiżjoni favorevoli titqies bħala trasferiment tat-titolu ta' dak il-ġid lura mill-Gvern għal għand ir-rikorrent.

Għalkemm il-liġi tgħid li l-konfiska sseħħ favur il-Gvern ta' Malta, u skont ma joħroġ mill-Artiklu 22(7) tal-istess Ordinanza, l-ordni tal-konfiska għandha s-saħħa ta' sentenza, il-liġi tgħid li l-leġittimu kontradittur fi proċedura bħal din huwa **l-Kummissarju tal-Pulizija**, li fuqu huwa mitfugħ id-dmir li jressaq it-tweġiba fi żmien ħmistax-il jum min-notifika lilu.

Jaqa' fuq il-persuna li titlob it-tneħħija tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi tagħha fi grad biżżejjed biex titwemmen li l-ġid li trid li jinħeles mill-konfiska ma kienx miksub minn flejjes jew qligħ marbutin minn profitt jew dħul min għamil ta' reat. Ladarba l-proċediment ġie maħsub mil-leġislatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza ċivili u ladarba l-liġi nnifisha tgħid li dwar kull proċediment bħal dan japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, huwa naturali għalhekk li wieħed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wieħed li joqgħod għall-proċedimenti ta' natura ċivili u mhux dak rigoruż tal-proċediment penali.

Madankollu, minħabba li l-liġi speċjali nnifisha li taħtha jsir sekwestru bħal dak jidher toħloq il-preżunzjoni li l-ġid tnissel sewwasew minn attivita' kriminali, il-piż tal-prova li dak il-ġid inkiseb b'mezzi leġittimi jrid ikun x'aktarx aqwa

minn sempliċi dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu għejjun jew riżorsi oħra ta' għajxien.

Il-Qorti jidhrilha xieraq li tgħid li, f'din il-kawża, għalkemm l-intimat ikkontesta fil-mertu t-talba tar-rikorrenti, ħa atteġġament ġeneralment passiv matul iż-żmien tas-smigħ tal-kawża. Ftit li xejn għamel sforz biex il-provi li ressqu r-rikorrenti imerihom jew ixejjen is-siwi tagħhom.

**Rose Farrugia** ssostni li għandha nofs indiviż tal-proprjeta` li ġiet ikkonfiskata bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti. Dan jirriżulta bħala fatt.

Il-proċedura maħluqa permezz tal-Artikolu 22C(1) tal-Kap. 101 ma tikkontemplax is-sitwazzjoni ta' terz li kien ko-proprjetarju mal-akkużat. It-terz li jissemma fl-Artikolu 22C(1) huwa terz kif kontemplat fl-Artikolu 22(3A)(d) li jirreferi għas-sitwazzjoni fejn persuna akkużata, anke wara li tkun akkużata, b'xi mod jew ieħor tkun għaddiet il-proprjetà immobbli tagħha lil terzi persuni. Is-sitwazzjoni ta' Rose Farrugia ma tinkwadrax ruħha f'dak kontemplat mill-istess Artikolu billi l-akkużat ma għaddielha ebda proprjetà.

Artikolu 22(3A)(d) fuq imsemmi jikkontempla l-konfiska tal-proprjeta` tal-ħati, u mhux ta' terzi, anke jekk dawn ikunu komproprjetarji miegħu. Għalhekk it-talba ta' Rose Farrugia jistħoqqliha tintlaqa'.

Hekk ukoll jistħoqqilha tintlaqa' t-talba ta' Mirielle Farrugia dwar il-kont tax-xorta ta' Young Savers Account li fih kienu jinġemgħu ammonti żgħar provenjenti minn rigali li kienet taqla' meta kienet għadha minorenni. Dawn mhumiex provenjenti mill-attivita` illegali ta' missierha.

Il-Qorti taqbel li sehemha ma setax jiġi kkonfiskat. F'każ simili, bid-differenza li d-dar matrimonjali kienet akkwistata nofs mill-mara u nofs mir-raġel qabel iż-żwieġ, din il-Qorti, diversament ippreseduta, laqgħet it-talba tal-mara biex

sehemha ma jiġix ikkonfiskat.[6]

## Konklużjoni

L-atturi ppruvaw b'mod sodisfaċenti, anke sal-grad ogħla rikjest mil-liġi f'każijiet bħal dawn, il-provenjenza tal-proprjeta` tagħhom, li prinċipalment tikkonsisti fi proprjeta` immobbli u kollha akkwistata qabel ma l-attur ikkommetta r-reat in kwistjoni. Dan m'għamluhx b'asserzjonijiet ġeneriċi imma permezz ta' depożizzjonijiet u iktar importanti minn hekk provi dokumentarji ddettaljati li wasslu għall-proċess voluminuż ta' madwar 1800 paġna. B'mod partikolari, id-dar ġiet akkwistata minn ġid ta' missier Arnold Farrrugia u ffinanzjata kemm mill-impjieg regolari tar-rikorrent kif ukoll permezz ta' faċilitajiet bankarji. In-negozju u l-iffinanzjar mill-bank għamlu tajjeb għall-bqija tal-ġid. M'hemmx indikazzjoni li Arnold Farrugia uża xi flus akkwistati klandestinament biex irodd lura d-dejn mal-Bank; tant li dan tal-aħħar kien kostrett jiftaħ proċeduri kontrih biex jitħallas lura tal-faċilitajiet bankarji li vversa lilu u lill-kumpanniji tiegħu.

Meta l-Qorti tiżen dawn iċ-ċirkostanzi kollha li jirriżultaw, hija tasal għall-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom juru fi grad xieraq ta' prova għal proċedura bħal din, li l-ġid li jridu jeħilsu mill-ordni ta' konfiska maħruġ mill-Qrati ta' kompetenza kriminali kien x'aktarx inkiseb mhux bi profitt jew dħul minn għamil ta' reat taħt il-Kapitolu 101.

[6] Iris Cremona v. L-Avukat Ġenerali 01.03.2022 Prim'Awla (Onor. Imħ. Neville Camilleri).

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn mhux konformi ma' din is-sentenza.

(2) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi nofs indiviż tal-assi afflitti mill-ordni ta' konfiska ordnata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' April 2014, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Arnold Farrugia***, deċiża nhar is-26 ta' April 2018, huma proprjeta' tar-rikorrenti Rose Farrugia, billi l-imsemmija mhix is-soġġett tal-ordni ta' konfiska msemmija.

(3) Tilqa' t-tieni talba billi tirrevoka l-ordni ta' konfiska msemmija fuq in-nofs indiviż tal-assi afflitti mill-ordni ta' konfiska u li huma proprjeta' tar-rikorrenti Rose Farrugia.

(4) Tilqa' t-tielet talba billi tiddikjara illi l-flejjes fil-kont Young Savers Account bin-numru 12900996024 fi ħdan il-Bank of Valletta plc., (liema flejjes eventwalment ġew trasferiti fuq kont ieħor bin-numru 40018911455) huma proprjeta' tar-rikorrenti Mireille Farrugia u konsegwentament tirrevoka l-ordni ta' konfiska imsemmija fuq dan il-kont.

(5) Tilqa' r-raba' talba billi tiddikjara illi l-proprjeta' kollha afflitta mill-ordni ta' konfiska msemmija, m'hijiex profitti jew dħul mill-għemil ta' xi reat taħt il-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk;

(6) Tilqa' l-ħames talba billi tirrevoka għal kollox il-bqija tal-ordni ta' konfiska mogħtija fit-termini tal-paragrafu (3A) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta'

Malta fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' April 2014, u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubbblika ta' Malta vs Arnold Farrugia***, deċiża nhar is-26 ta' April 2018.

Spejjeż a kariku tar-rikorrent Arnold Farrugia.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA